# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 31 ta' Jannar 2017

Rikors Guramentat Nru. 269 / 14RGM

Kawza fil-lista: 13

**L X**
**vs**
**A P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha, fit-tnejn (2) ta' Settembru 2012, twieldet il-minuri K W X, li għandha sentejn (2), hekk kif jidher mill-estratt tal-Att ta' Twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. MA1;

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet żmien ilu b'dan illi huma jgħixu separatament.

3. Illi minn meta twieldet it-tarbija l-intimata qatt ma kienet idoneja u responsabbli sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-minuri kif inhu mitlub minn ġenitur, u aktar moħħa f'ħajja ta' xalar, ħruġ, xorb u fir-relazzjonijiet li jkollha ma' rġiel differenti.

4. Illi bħalissa hija la għandha impjieg u lanqas indirizz fiss tant illi f'dawn l-aħħar xhur biddlet residenza erba' darbiet, a bażi tal-partner illi jkollha.

5. Illi minn dejjem kien ir-rikorrent li ħallas għadu jħallas għall-bżonnijiet tal-minuri, nkluż l-ispejjeż edukattivi u dawk mediċi.

6. Illi l-aċċess ta' l-intimata versu bintha minuri huwa pendente lite regolat ai termini ta' l-anness digriet datat 19 ta' Novembru 2014 (Dok.MA2)

7. Illi l-partijiet għaddew mill-proċess ta' medjazzjoni (Nru: 466/2014/1) iżda din il-medjazzjoni ma tatx frott;

8. Illi l-attur ġie debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet mogħti permezz tal-verbal datat 19 ta' Novembru 2014 (Dok.MA2) sabiex tintavola dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Taffidalu l-kura u l-kustodja tal-wild minuri K W X, salv l-aċċess ta' l-intimata;

(2) Tiffissa dawk il-ġranet u ħinijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex jiġi eżerċitat l-aċċess tal-intimata versu l-minuri, occorrendo taħt superviżjoni u/jew monitoraġġ, skond ma' dina l-Qorti jidhrilha xierqa għall-interess tal-minuri u tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-intimata kif ukoll l-eta' tenera tal-minuri.

(3) Tordna illi l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-bżonnijiet tal-minuri, dawk l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tagħha, dawk extra kurrikulari kif ukoll dawk mediċi jkunu a karigu esklussiv tar-rikorrent L X.

(4) Tawtorizza lir-rikorrent jżomm il-passaport tal-minuri u li jkun minn issa awtorizzat illi mingħajr il-ħtieġa ta' firma jew kunsens ta' l-intimata, jġedded l-imsemmi passaport.

(5) Tawtorizza lir-rikorrent jipperċepixxi kwalsiasi pagament konsistenti f'għajnuna/benefiċċju soċjali, għall-bżonnijiet tal-minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi mhemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ewwel u t-tieni premessa fir-rikors promotur b'dan pero' illi l-esponenti tikkummenta billi tgħid illi r-raġuni għaliex intemmet ir-relazzjoni kienet minħabba trattament ħażin fil-konfront tagħha min-naħa tar-rikorrent.

2. Illi mhux minnu dak li ntqal fit-tielet paragrafu illi l-esponenti qatt ma kienet idoneja u responsabbli biex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-minuri. Anzi, hi dejjem għamlet l-almu tagħha sabiex tkun omm eżemplari. Lanqas huwa minnu li hi jkollha relazzjonijiet ma' irġiel differenti. Anzi tinsab f'relazzjoni stabbli ma' persuna waħda, li ilha miegħu minn Awwissu 2014. Dawn l-allegazzjonijiet min-naħa tar-rikorrent mhumiex ħlief tantattiv mill-iktar diżonest sabiex ikerrah lill-esponenti f'għajnejn il-Qorti sabiex b'hekk iċaħħad lil bintu ta' eta' tant żgħira mill-benefiċċju ta' ommha a skapitu ċar tal-interessi ta' l-istess binthom.

3. Illi l-esponenti Wment issib diffikulta' li ssib impjieg minħabba illi hi dejjem tat l-ewwel prijorita' għaż-żmien li jkun hemm bżonn li tgħaddi ma' bintha. B'danakollu ukoll irid jingħad illi l-esponenti għandha biżżejjed għajnuna finanzjarja u fiżika sabiex tieħu responsabbilita' tal-kura u l-kustodja tal-minuri. Dan apparti l-għajnuna finanzjarja doveruża fuq ir-rikorrent kif talvolta tiġi ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi kif sewwa jgħid ir-rikorrent, preżentement l-aċċess tal-esponenti versu bintha huwa pendente lite regolat ai termini tad-digriet tad-19 ta' Novembru 2014 – Dok MA2, liK digriet qed jiġi kontestat emfatikament permezz ta' rikors tal-11 ta' Diċembru 2014, li jinsab pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti. L-esponenti tirritjeni illi dak id-digriet ingħata wara qerq u ngann min-naħa tal-attur, irregloratijiet fil-proċeduri ordnat bħala parti mill-proċess ta' medjazzjoni, fosthom minħabba nuqqas serju tal-prinċipju ta' audi alteram partem, a skapitu ta' l-esponenti. L-esponenti beħsiebha tippersisti għal bidla fil-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kura u l-kustodja kif ukoll aċċess tal-minuri pendente lite.

5. Illi kuntrarjament għall-allegazzjonijiet magħmulin mir-rikorrent li huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, huwa fil-fatt ir-rikorrenti stess li mhuwiex idoneju bħala ġenitur ta' binthom. Dan mhux biss minħabba l-passat dubjuż tiegħu u attribwiti personali u nuqqas ta' ħin u mezzi idoneji u kapaċitajiet domestiċi, iżda b'mod partikolari tenut kont il-miżuri għarrieqa li qed juża f'dawn il-proċeduri sabiex iċaħħad lit-tarbija minn kura essenzjali li tista' ttiha biss ommha.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha, fit-2 ta' Settembru 2012, twieldet il-minuri K W X, li llum għalhekk għandha sentejn u nofs.

2. Illi din ir-relazzjoni kienet bdiet f'Awwissu tas-sena 2010, u ntemmet finalment f'Marzu 2014, meta r-rikorrenti ma felħitx aktar għal inġurji, sevizzi, theddid, għira, ossessjoni u krudelta' min-naħa tal-attur fil-konfront tagħha, u ddeċidiet li titlaq mid-dar fejn kienu jgħixu flimkien mat-tifla tagħhom. Mhux l-ewwel darba li l-esponenti kellha tirrikorri għal għajnuna tad-Domestic Violence

Unit, fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ minħabba l-vjolenza domestika, kemm fiżika kemm ukoll emozzjonali u psikoloġika li kienet soġġetta għaliha tul ir-relazzjoni.

3. Illi l-esponenti hija omm eżemplari u bieżla. Hi dejjem ħadet ħsieb l-imsemmija tarbija, ħadet id-deċiżjonijiet relatati mas-saħħa tal-minuri, u sabiex tkun tista' tipprovdi finanzjarjament kemm għaliha nnifisha kif ukoll għall-imsemmija binthom kienet kostretta toħroġ taħdem fil-ħinijiet li jeżerċita l-aċċess ir-rikonvenzjonat, u dan għaliex ma kienet issib ebda għajnuna finanzjarja minnu.

4. Illi l-esponenti kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tifla minn butha u anke atrezzat il-kamra tat-tifla a spejjeż tagħha, u bżonnijiet oħra, li sallum baqgħu għand l-istess attur li qed jirrifjuta li jirritornahom.

5. Illi l-attur għamel ħiltu kollha biex jipprova jpinġi lir-rikorrenti bħala xurbana u xalatura bl-għan li jinganna lill-Qorti u jiskredita lir-rikorrenti f'għajnejn il-Qorti. Dawn huma asserzjonijiet fiergħa u frivolu illi mhux biss ma ġewx ippruvti, imma addirittura ġew skartati mill-istess Qorti, fi stadju tal-medjazzjoni, wara li l-istess Qorti ordnat li jsiru testijiet tad-demm fuq l-esponenti li rriżultaw fin-negattiv.

6. Illi madanakollu, l-attur baqa' għaddej bil-għerq u bl-ingann sakemm ikkonvinċa lis-social worker illi l-esponenti kellha problemi fil-konfront tat-trobbija – ħaġa li assolutament hija inveritiera. Dan juri l-karattru perikoluż u manipulattiv ta' l-attur li huwa lest li jimmanipula sitwazzjoni għal għanijiet aħħarin tiegħu.

7. Illi r-rikorrenti dedikat ruħha kompletament għat-trobbija tat-tifla tal-partijiet. Ir-rikonvenzjonat, tul sena u nofs mit-twelid tat-tifla, sakemm telqet mid-dar l-esponenti, kien kuntent illi jafda t-trobbija sħiħa ta' bintu f'idejn l-esponenti ommha li damet treddgħa l-istess tarbija saħansitra disa' xhur sħaħ.

8. Illi b'mod kurjuż kien biss immedjatament wara li l-esponenti telqet mid-dar bit-tarbija kif intqal fuq u għar-raġunijiet imsemmija li f'daqqa waħda l-esponenti saret, f'għajnejn ir-rikonvenzjonat, omm inidoneja, mara xurbana, ta' mġieba xellerata u bla qies, u li tiffrekwenta diversi rġiel.

9. Illi huwa sintomatiku li kienet l-esponenti li ppromoviet il-proċeduri ta' medjazzjoni sabiex il-kura u il-kustodja kif ukoll aċċess tal-minuri tiġi regolata, liK proċeduri l-allegazzjoni ta' vizzju tax-xorb fil-konfront ta' l-esponenti ġiet xjentifikament skartata.

10. Illi attwalment, l-oġġezzjonijiet tar-rikonvenzjonat fil-konfront ta' l-esponenti, m'humiex ħlief mod vendikattiv riżultat ta' ossessjoni u għira li għandu l-istess rikonvenzjonat fil-konfront ta' l-esponenti. Dan minħabba differenza sostanzjali ta' l-etajiet tal-partijiet (28-il sena) u li minħabba li hu għandu karattru

dominanti u manipulattiv, apparti l-imġieba u preċedenza refrattarja u dubjuża tiegħu, kif se jiġi pruvat.

11. Illi r-rikorrenti hija f'pożizjoni li tieħu ħsieb il-minuri u tassumi l-kura u l-kustodja ta' l-istess.

12. Illi ma jeżistux ċirkostanzi ta' mport biżżejjed sabiex jiġġustifikaw li tarbija ta' eta' tant żgħira tiġi miċħuda mill-omm naturali tagħha, anzi fiċ-ċirkostanzi, din iċ-ċaħda hija kontra l-interessi supremi ta' l-istess minuri.

13. Illi mhuwa xejn naturali illi tifla ta' dik l-eta' tiġi separata u maqtugħa mill-omm, iktar u iktar meta wieħed jikkunsidra l-ingann u l-għerq illi wassal għar-rapport illegali li jifforma l-bażi tad-digriet.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti,

(1) Tafda il-kura u l-kustodja tat-tarbija K W X lill-esponenti filwaqt li tipprovdi għal aċess lir-rikonvenzjonat;

(2) Tiffissa retta alimentarja għall-minuri u għall-esponenti sabiex din tkun tista' teżerċita il-kura u l-kustodja fl-aħjar interess ta' bintha;

(3) Tordna lir-rikonvenzjonat sabiex jagħti lura lilha dawk l-affarijiet kollha li jappartjenu lilha u lit-tifla, li nxtraw mir-rikorrenti stess u li sallum għadhom ma ġew ritornati lilha.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenuta in via rikonvenzjonali huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll legalment u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

2. Illi l-kura u l-kustodja m'għandhiex tiġi fdata lil A P stante illi kif ser jiġi provat tul l-andament ta' dawn il-proċeduri, hi mhix idonja li tiġi fdata b'tarbija ta' eta' tant tenera; hemm provi illi juru biċ-ċar illi meta t-tarbija tkun magħha l-istess minuri ma tiġix kurata; anzi tiġi mċaħħda minn kull bżonn bażiku, minn ikel xieraq sa iġjene. In oltre, anki għall-għixien tagħha stess, tiddependi minn ommha, u mill-partner tagħha li jospitaha fir-residenza privata tiegħu, u jħalliha tuża l-vettura tiegħu. M'għandhiex mezzi li jiggarantixxu stabbilita' għaliha, wisq anqas għal bintha minuri.

3. Illi l-intimata in via rikonvenzjonali qed titlob manteniment għaliha u għal bintha. Li L X m'għandu jħallas l-ebda retta alimentarja f'idejn A P, dan għaliex, filwaqt li L X qed jieħu bżonn il-bżonnijiet kollha tal-minuri, inkluż dawk edukattivi u mediċi, P mhi tikkontribwixxi xejn. In oltre, mhix legalment intitolata għal manteniment għaliha. Jekk qed tiddikjara bil-ġurament (ara it-3 eċċezzjoni

ta' A P) illi għandha biżżejjed għajnuna finanzjarja sabiex tieħu l-kura u l-kustodja ta' bintha, għandha wkoll tikkontribwixxi għal benessere tagħha sakemm il-kura u l-kustodja qiegħda f'idejn L X.

4. Illi L X m'għandu xejn fil-pussess tiegħu illi nxtara minn A P. Dak kollu illi jintuża għall-bżonnijiet tat-tifla, intraw minnu stess.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-affidavit tal-attur anness ma' nota ipprezentata fl-24 ta' Frar 2015, kif ukoll d-dokumenti kollha annessi ma' l-istess affidavit;

Rat l-atti tal-Medjazzjoni numru 446/14;

Rat d-digriet ta' dina l-Qorti tat-3 ta' April 2014, li ordnat li 'pendente lite' u sakemm ma taghtix ordni ohra, il-minuru tkun ma' missierha u b'access ghall-ommha kull jum mill-10 am sat-3 pm, il-minuri tingabar u tigi ritornata mill-omm hdejn l-Ghassa tal-Msida;

Rat ir-Rapport tas-Social Worker Theresa Micallef ipprezentat fit-12 ta' Settembru 2014;

Rat d-digriet ta' dina l-Qorti tad-19 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti ordnat r-revoka tad-digrieti precedenti, u li 'pendente lite' l-kura u l-kustodja tal-minuri K W X tkun f'idejn missierha L X, li mieghu tirrisjedi, l-omm A P ikollha access ghall-minuri nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha bejn is-2.00 pm u l-5.00 pm, u alternattivament, darba s-Sibt u darba l-Hadd mill-10.00 am sat-3.00pm. It-tifla tingabar u titiehed minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida mill-omm li ma ghandhiex tressaq lill-minuri fil-presenza ta' terzi li maghhom ghandha relazzjoni, b'eccezzjoni ta' membri tal-familja. L-access ghandu jigi monitorat mill-Agenzija Appogg. Il-minuri giet awtorizzata tattendi nursery school a spejjez ta' L X. Il-Qorti ordnat it-terminazzjoni tal-proceduri tal-Medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza;

Rat n-nota tal-Agenzija Appogg tal-25 ta' Gunju 2015;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 2015, li permezz tieghu l-access tal-omm ghall-minuri gie modifikat;

Rat r-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Mark Simiana, mahluf fil-31 ta' Ottubru 2016;

Rat x-xiehda tal-attur, li xehed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2016;

Rat il-verbal registrat fl-istess seduta, fejn l-Avukat Dottor Carlo Bisazza ghall-attur talab li l-attur jinghata b'mod esklussiv l-kura u l-kustodja tal-minuri billi irrizulta li l-konvenuta siefret b'mod permanenti u mhux qed izzomm kuntatt la ma' l-attur u l-anqas mal-minuri, u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat illi l-konvenuta tul l-ahhar seduta naqset milli tattendi u naqset ukoll milli tinkariga Avukat sabiex jirraprezentaha f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L X, l-attur, fl-affidavit tieghu mahluf fl-24 ta' Frar 2015, Fol 44 et seq. ikkonferma li ltaqa' mal-konvenuta, A P, f'Awissu 2010, bdew jiffrekwentaw lil xulxin u bdew relazzjoni flimkien. Wara xahar marret tghix mieghu fl-appartament tieghu. Qabel kienet tghix ma' ragel ta' nazzjonalita' estera bhall-konvenuta f'appartament f'Tas-SliK.. Kellha problemi biex thallas sehemha mill-kera, hu kien hallsilha zewg skadenzi li hi rrifondietlu.

Kienu jiehdu pjacir johorgu flimkien kull jum jieklu barra u jiltaqghu mal-hbieb. Hu kien impressjonat bil-kwantita' ta' xorb li kienet tikkonsma. Kien jiccajta maghha billi jghidilha li kien xih ghaliha, izda hi kienet tghidlu li tippreferixxi rgiel ta' certa eta'u kienet anke f'xi okkazzjonijiet semmietlu zwieg u hu kien qalilha li kien ahjar li jibqghu kif kienu. Komplew bir-relazzjoni taghhom sa Awwissu 2011, meta kellhom argument u sseparaw ghal xi xhur. Hi marret tghix fi Flat 2, 40A, Triq Luqa Briffa Gzira, ma' tfajliet hbieb Ungerizi. Kellha xi tghid maghhom u l-partijiet regghu bdew jitkellmu u marret ghal darba ohra tghix mal-attur.

F'Jannar 2012 ghajtitlu fil-kamra tal-banju fejn ghamlet 'pregnancy test' u infurmatu li kienet tqila. Hu kien kuntent izda ma kienx qed jistenna din l-ahbar billi hi kienet qaltlu li precedentement kienet ghamlet abort u li sussegwentement ma setax ikollha tfal. Skond l-attur, il-konvenuta kkalmat hafna meta rat li hu kien kuntent bit-tqala u r-relazzjoni tkompliet bi preparamenti ghat-tarbija. Fil-bidu tat-tqala hi tilfet l-impieg li kellha u hu kien jiehu hsieb tal-ispejjez kollha tal-hajja. Xtraw ghamara gdida ghall-appartament u t-tifla K, twieldet fit-2 ta' Settembru 2012.

Hu kien jghin hafna fix-xoghol tad-dar u tat-tarbija. L-omm baqghet tredda lit-tarbija sa Lulju 2013 u minn dak iz-zmien r-relazzjoni taghhom bdiet tiddeterjora.

Kienet bdiet tohrog bit-tifla, tibqa' barra u tigi lura l-ghada, ma kinitx tghidlu fejn tmur u kien jinkwieta hafna partikolarment ghat-tarbija. Darba marret 'hens party' bit-tarbija u rritornat l-ghada wara nofsinhar. Dwar dan ghamel rapport lill-Pulizija fis-7 ta' Dicembru 2013,Fol 53.

Fit-8 ta' Frar 2014 raha il-Gzira tixrob ma' ragel iehor, it-tifla kienet wahedha fil-pushchair fuq il-bankina. Fuq il-mejda kien hemm birra u nbid. Mill-karozza ghamlilha sinjal biex jiehu lit-tifla billi hi kienet qed tixrob izda hi rrifjutat. Mar jirrapporta lill-Pulizija u wara accettat li tghaddilu t-tarbija. Hi dehret xurbana u qaltlu li dak li kien maghha kien 'gay'. Dak il-lejl stess fl-4.30 am ghamlet xenata, kisret parti mill-bieb tal-appartament. Sar rapport lill-Pulizija market Dok MA 3, gew il-Pulizija fuq il-post li nnotaw li kellha riha ta' xorb.

Meta kien johrog ghax-xoghol fil-ghaxija hi kienet tibqa gewwa bit-tarbija pero' kienet tispicca tixrob u tahbi l-flixken vojta fil-valiggi, Dok MA4 biex lilu ma turihx li kienet qed tixrob.

Fl-24 ta' Marzu 2014 fil-11.50pm ma setax jikkomunika maghha. It-tifla kienet maghha u rrizulta li ltaqghet ma' habiba Spanjola ghal drink u ma marritx lura d-dar lejl shih. Hu inkwieta ruhhu minhabba t-tifla u ghamel rapport l-Ghassa, Dok MA5. L-ghada wara nofsinhar baghatet messagg u rritornatlu it-tifla. Minn dik in-nhar ma marritx aktar ghandu u r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat.

Fl-1 ta'April 2014 hi bdiet bil-proceduri legali. Rceva avviz mill-Agenzija Appogg u ufficjal tal-Pulizija u Social Worker marru jispezzjonaw l-appartament tieghu. Xehdu fil-Qorti, sar r-rapport mis-Social Worker Theresa Micallef u fid-19 ta' Novembru 2014, l-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-attur jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri.

L-attur jghid li hu dejjem jsegwi fejn tkun it-tifla meta tkun ma' ommha. Iddikjara li fl-ahhar tlett xhur, il-konvenuta kellha relazzjoni ma' tlett rgiel . L-ewwel bdiet tghix ma' certu Matthew Mercieca fi Flat il-Gzira, li kien anke jislifha karozza. Hu jghid li darba waqaf quddiem dan l-appartament biex jiehu ritratti tal-konvenuta bit-tifla diehla f'dan l-appartament, li wara ftit ma baqghetx tirrisjedi hemmhekk u beda jaraha fil-kumpanija ta' certu James Mifsud li kien joqghod fl-indirizz 82, Mountbatten Street, Pieta'. Fil-15 ta' Awwissu ra lill-konvenuta mieghu fil-karozza tieghu Ford Fiesta GBJ 142, ikkonfronthom u minn dik in-nhar qatt ma rega' rah lil dan ir-ragel.

Wara gimgha skopra li kellha 'boy friend' iehor, Nathan Camilleri. Hi kienet tkun fil-karozza tieghu, Toyota IQ numru HBG 681 bit-tifla timxi fuq is-seat ta' wara waqt li jkun qed issuq billi ma kellux 'car seat'. Eventwament wara li kien

jikkonfrontah dan installa 'car seat'. Il-konvenuta kienet qed tghix ma' Nathan Camilleri fl-indirizz 53, Triq San Gwann, Hamrun.

Fl-4 ta' Jannar 2015, Dok MA9 ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija li skond id-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Novembru 2014 l-minuri ma kellhiex tittiehed fil-presenza ta' persuna li mieghu kellha relazzjoni l-konvenuta. Il-Pulizija marret fuq il-post, ir-rapport tal-attur gie kkonfermat, u l-konvenuta flimkien mal-minuri hargu mir-residenza ta' Nathan Camilleri.

L-attur ikkonferma li ghalkemm fil-karta tal-identita' l-konvenuta ghandha l-indirizz 82, Mountbatten Street, Blata il-Bajda hi ma tirrisjedhiex hemmhekk. Dan hu kkonfermat mir-ritratti Dok MA 10 u Dok MA 11 li juru l-letterbox mimlija junk mail. Il-karozza li ssuq il-konvenuta tkun dejjem ipparkjata il-Hamrun fil-vicinanzi tal-fond 53, Triq San Gwann, Hamrun.

Fl-10 ta' Jannar 2015 l-attur ghamel rapport iehor l-Ghassa, Dok MA 12, li l-konvenuta mal-minuri kienet qed tkun fir-residenza ta' Nathan Camilleri il-Hamrun u dan in kontravenzjoni tad-digriet tal-Qorti.  L-attur gie infurmat mill-Ghassa tal-Msida li l-konvenuta giet notifikata fl-indizz tal-Hamrun residenza ta' Nathan Camilleri.

Fl-20 ta' Frar 2015 segwiha bil-karozza tieghu meta kienet qed issuq il-karozza ta' Nathan Camilleri fil-Pieta' u ra' diehla bit-tifla fir-residenza tieghu u fethet bic-cwievet taghha. Hu jghid li ma ghandhux dubju li malli tispicca r-relazzjoni taghha ma' Nathan Camilleri issib xi 'boyfriend-sponsor' iehor u tghix mieghu. Dan hu 'pattern' li ilha taddotta ghal snin shah. Dan il-mod ta' hajja ma jistax jigarantixxi stabbilita' ghall-minuri, li qed tigi esposta ghal irgiel differenti. Hu jinkwieta mill-possibilita' li xi darba l-konvenuta jkollha xi relazzjoni ma' persuna oggezzjonabbli li tista taghmel hsara rreparabbli lill-minuri.  L-attur jinkwieta ukoll mill-fatt li meta l-minuri tkun mal-konvenuta din thalliha wahedha, partikolarment meta tkun Ta'Xbiex hdejn il-kiosk fejn jahdem Nathan Camilleri.

Kif kkonfermat mid-Dok MA 13 il-konvenuta ilha ma' tahdem mis-17 ta' Ottubru 2014, u ghalhekk tiddependi kompletament minn Nathan Camilleri, tghix fil-propjeta' tieghu, issuq il-karozza tieghu u tigbor lill-minuri bil-karozza tieghu. Finanzjarjament l-konvenuta tiddependi mill'boyfriends' taghha, dan hu ta' inkwiet kbir ghall-attur peress li l-minuri ma ghandhiex d-dar taghha, il-kamra taghha fejn torqod u tilghab.  Jghid li l-konvenuta titraskura il-htigijiet bazici ta' igene tal-minuri. Meta tirritorna ghandu minn ghandha wara l-access dejjem tkun bil-guh u mahmuga. Il-bottle jekk jispicca ma tergax timlih, taghmel hames sighat maghha u l-anqas tindenja ruhha li tbidillha n-nappy. Hu ipprezenta set ta' ritratti, Dok MA 15 b'konferma ta' dan.

Kien jimmarka n-nappies biex jikkontrolla jekk il-konvenuta tbidliliex u dejjem irrizultalu li ma kinitx tbidillha. Fil-15 ta' Frar 2015 ghamel rapport dwar dan wara li fil-presenza tas-Social Worker Matthew Degiorgio rrizulta li mid-9.30 am sat-3.00 pm l-konvenuta naqset li tbiddel in-nappy tal-minuri.

Fis-7 ta' Frar 2015, il-birthday tal-konveuta, kellha l-access ghat-tifla mill-10.00 am sat-3.00 pm u ma marritx tigborha. L-attur ghamel rapport dwar dan, Dok MA 18. Fl-4.00 pm mar hdejn il-bandli Ta' Xbiex u ra lill-konvenuta tixrob mal-hbieb. F'okkazzjoni ohra il-minuri rritornat bi tbengila fuq ghajnejha, kif konfermat mir-ritratt Dok MA 19. Fol 107.

Mill-banda l-ohra l-attur jghix wahdu f'appartament spazjuz fejn ilu jghix ghal tletin sena. Il-post jinzamm dejjem nadif u it-tifla hemmhekk ghandha kull ma tinhtieg u dan kif gie kkonfermat mill-ufficjali tal-Agenzija Appogg. Hu dejjem ha hsieb il-minuri, ddedika ruhhu kompletament ghaliha, jieklu flimkien, jaraw it-televizjoni flimkien, jaghtiha il-bottle fuq is-sufan u torqod hdejh. Fil-ghodu jipprepara kollox ghall-iskola , johodha u jerga jmur ghaliha, jibiddillha l-hwejjeg wara l-iskola u tlett darbiet fil-gimgha johodha ghand ommha, li qatt ma uriet interess jew tistaqsi kif sejra l-iskola.

Meta ikollu bzonn ghajnuna ta' baby sitting dejjem isib l-appogg ta' membri tal-familja tieghu, partikolarment bintu li ghandha 37 sena. Ilu self employed mis-sena 1993, hu propjetarju ta' taxi li ghal dawn l-ahhar tlett snin kien jikriha u bil-flus li jaqla' ma ghandhux ghalfejn jahdem. Ma ghandux djun, ghandu farmhouse il-Qala, Ghawdex u dalwaqt jikkwalifika ghall-pensjoni.

B'verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 l-Avukat Dottor Carlo Bisazza ghall-attur informa lill-Qorti li peress li l-konvenuta baqghet ma hallsitx sehK mill-ispejjez peritali, l-attur kien qed jikkonsidra li jhallas sehemha, in oltre rrileva li l-konvenuta kienet ilha ma tezercita l-access versu il-minuri ghal dawn l-ahhar seba' gimghat u jidher li fil-prezent qed tirrisjedi fl-esteru.

Il-Perit Legali, l-Avukat Dottor Mark Simiana, fir-rapport tieghu pprezentat fit-30 ta' Marzu 2016, Fol 312 et seq, wasal ghal-konkluzjonijiet segwenti:

L-ewwel talba tal-attur ghandha tigi milqugha u ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri; dwar it-tieni talba attrici d-drittijiet tal-access tal-konvenuta ghall-minuri ghandhom jkunu kif il-partijiet qablu dwarhom, purche' jinghataw dettalji dwarhom, fin-nuqqas l-access tal-konvenuta ghall-minuri ghandu jkun skond id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 2015; it-tielet talba attrici li l-ispejjez kollha tal-minuri ikunu resposabilita' tal-attur, ghandha tigi milqugha; r-raba talba attrici, li l-attur jkun awtorizzat jzomm il-passaport tal-minuri u jgedded l-istess minghajr il-htiega tal-kunsens tal-intimata, din ghandha tigi milqugha,

pero’ l-attur mhux prekluz milli jottjeni l-kunsens tal-konvenuta qabel ma jiehu lill-minuri barra minn Malta; dwar l-hames talba attrici, li jippercepixxi kwalsiasi ghajnuna jew beneficcji socjali ghall-bzonnijiet tal-minuri, din ukoll ghandha tigi milqugha. It-talbiet tal-konvenuta fil-kontrotalba taghha ghandhom jigu michuda u l-ispejjez ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta.

L-attur rega’ xehed fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2016, wara li gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali, Fol 363 et seq. Hu kkonferma li l-ahhar darba li kellu kuntatt mal-konvenuta kien fil-11 ta’ Awissu 2016 u wara telqghet minn Malta u baghatitlu messagg f’dan is-sens. Kemm kien ilhom fil-kawza, dawn l-ahhar sentejn u nofs qatt ma kenet siefret. Sid il-kera tal-post fejn kienet toqghod, Edgar Bernard Street, kien ikkonfermalu li kienet giet lura Malta biex tigbor l-affarjiet li kellha fil-post. Fit-2 ta’ Settembru 2016, il-birthday tat-tifla baghtet messagg ta’ ‘Happy Birthday’ izda ghalkemm kienet Malta biex tigbor l-affarjiiet mill-post l-anqas indenjat ruhha tmur tara lit-tifla jew tibghatilha birthday card.

Hu qal li ltaqa’ ma’ Pulizija li kien habib ta’ habiba taghha u dan qallu li l-konvenuta qieghdha x’imkien l-Isvizzera u qed tghix ma’ Taljan hemmhekk. Hu ddikjara li pprova jaghmel kuntatt maghha u jibghatilha messaggi izda t-telephone taghha ma ghadux jahdem.

Qabel ma telqghet il-ftiehem dwar l-access ghat-tifla kien li hu jiehu lit-tifla hdejn l-Ghassa tal-Msida, u l-omm kellha access mill-4.00pm sas-7.00pm. Hu kien jmur hemm jistenniha biex tigi ghat-tifla izda din qatt ma giet.

Hu ddikjara li sa tlett gimghat qabel kien jmur jistenna hdejn l-Ghassa tal-Msida, pero’ billi l-konvenuta qatt ma kienet tmur, jew tibghatlu messagg, issa qata’ qalbu, tant li fejn qabel kien jirrapporta l-Ghassa kull darba li ma tigix, issa l-anqas baqa’ jdejjaq lill-Pulizija aktar bl-istess rapport, cioe’ li l-konvenuta ma marritx.

Il-konvenuta min-naha taghha ma resqitx provi.

KUNSIDERAZZJONIJET.

Il-partijiet ma humiex mizzewgin, kellhom relazzjoni li minnha fit-2 ta’ Settembru 2012 twieldet il-minuri K W X. Skond l-attur sa Lulju 2013 ma kellhomx problemi, dawn bdew propju f’dak iz-zmien meta l-konvenuta wafqet tredda lit-tarbija. Il-konvivenza u r-relazzjoni taghhom ntemmet fl-24 ta’ Marzu 2014 wara li l-konventa kienet ghamlet lejl shih barra bit-tifla tixrob ma’ habiba Spanjola u rritornat t-tifla lill-attur l-ghadha wara nofsinhar.

Ghandu mill-ewwel jigi rilevat illi ic-cirkostanzi tal-kaz gia' inbidlu minn meta l-perit legali halef ir-rapport minnu redatt u dan peress illi sussegwentement ghal tali rapport jidher illi l-konvenuta telqet permanentement minn dawn il-Gzejjer u ma regghetx irritornat. Skond l-attur il-konvenuta mhux biss telqet permanentement minn Malta izda ma zzomm l-ebda kuntatt la mieghu u lanqas mat-tifla.

Ikkunsidrat;

In tK legali ssir referenza ghall-**Artikolu 149 tal-Kap 16**:

" B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra f'dan il-Kodici, il-Qorti tista' jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew propjeta'ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidhrilha xieraq fl-ahhjar interess tat-tifel".

F'kull kawza li fiha l-Qorti hi msejha tiddeciedi dwar il-kura u kustodja ta' minuri, il-konsiderazzjoni primarja ghandha dejjem tkun il-gid tal-minuri qabel kull konsiderazzjoni ohra.

Fil-kawza fl-ismijiet" **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 ntqal:

"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."

Fil-kawza fl-ismijiet "**L Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:

"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".[1]

Fil-kaz in ezami, il-genituri ma baqghux jikkoabitaw, l-attur ghandu r-residenza tieghu fejn ilu jghix ghal bosta snin, mentri l-konvenuta kellha tlett relazzjonijiet

---

[1] Ara wkoll "John Cutajar vs. Amelia Cutajar (PA – 28.01.1956); Marion Meli vs. Emanuel Meli (App. Civ. – 05.12.2014); Jennifer Portelli pro et noe vs. John Portelli (App. Civ. - 25.06.2003); Irene Cassar vs. Gianfranco Desiderato (App. Civ. - 06.07.2015)

ma' rgiel ohra wara li giet terminata r-relazzjoni tal-partijiet u kienet tghix fir-residenza taghhom, tlett indirizzi differenti sakemm eventwalment kriet post. Il-kura u kustodja pendente lite tal-minuri giet fdata f'idejn il-missier u nghataw diversi digrieti fejn l-access mill-omm ghall-minuri gie modifikat sakemm l-partijiet waslu biex amikevolment ftehemu fuq il-granet u l-hinijiet meta kellu jigi ezercitat l-access mill-omm.

Pero' dan l-istat ta' fatt gie illum superat, billi rrizulta li l-omm telqghet minn Malta permanentement u ghalhekk illum, fic-cirkostanzi attwali, hu inutili li jinghata provediment dwar l-access tal-omm ghall-minuri.

Irrizulta sodisfacentement li l-minuri ma' missierha ma jonqosha xejn u qed jrabbiha b'imhabba u attenzjoni kbira. Fattur pozittiv iehor huwa illi l-missier ghandu wkoll is-support ta' membri tal-familja estiza tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun f'idejn il-missier.

**DECIDE.**

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghat-talbiet rikonvenzjonali;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri K W X esklussivament f'idejn l-attur;

2. Tichad it-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**